**14 ta' Frar, 1994**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Carmen Mercieca *et*

*versus*

Albert Mizzi *et noe*

**Impjieg - Bdil - Tnaqqis ta' Salarju**

*Hija liġi ġusta u anke morali li l-paga għandha tikkorrispondi max-xogħol u d-dmirijiet ta' l-impjieg partikolari u jekk dawn jinbidlu anke l-paga għandha tinbidel soġġett għall-ħlas tal-paga minima nazzjonali.*

*Il-kumpanija konvenuta naqqset mill-paga dak li bi żball kien tħallas żejjed meta kien hemm bdil ta' l-impjieg. Dan l-aġir huwa abbużiv u illegali. Se mai, l-istess kumpanija missha bdiet proċeduri separati skond il-liġi biex l-indebitu allegat jiġi rifuż. Però fil-kamp speċjali tal-liġijiet li jirregolaw l-impjiegi ma kellhiex dritt arbitrarjament tagħmel hi dan il-kumpens.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Jannar, 1992, li ddeċidiet hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-attriċi ġiet impjegata mas-soċjetà konvenuta bħala "*Stewardess*" fl-1974 u ftit snin wara ġiet promossa għall-kariga ta' "*purser*" bi dmirijiet u doveri waqt titjiriet ta' l-*Air Malta* għad-(diversi) destinazzjonijiet tagħha;

Premess illi riċentement l-attriċi sfat inċinta u fuq pariri mediċi u skond il-*policy* tas-soċjetà konvenuta informat b'dan l-istat ta' fatt lis-soċjetà konvenut;

Peress illi fl-4 ta' Ottubru, 1988, hija rċeviet ittra mingħand is-soċjetà konvenuta, fejn ġiet informata li kienet ġiet "*grounded*" biex tirrapporta fil-*Flight Services Section* iżda baqgħet sal-paga ta' Frar, 1989, tirċievi l-paga ta' "*purser*" il-kariga li kellha immedjatament qabel ġiet "*grounded*";

Premess illi riċentement hija ġiet imwissija illi s-salarju tagħha kien sejjer jiġi mnaqqas u dan b'effett retroattiv għad-datta tal-"*grounding*" u dan ġie kkonfermat *stante* illi mas-

salarju ta' Frar, 1989, l-attriċi rċeviet nuqqas biex, skond ma ntqal lilha wara minn uffiċjali tas-soċjetà konvenuta, jagħmel tajjeb għaż-żejjed li rċeviet fis-salarju mill-"*grounding*" tagħha *in vista* tat-tnaqqis li kien suppost ġie effettwat;

Premess illi dan l-aġir huwa abbusiv u illegali *stante* illi l-attriċi ma kellha qatt tirċievi tnaqqis fis-salarju tagħha b'riżultat tal-"*grounding*" tagħha;

Premess illi *nonostante* illi pprotestat kemm personalment u kemm ukoll *tramite* l-*union,* is-soċjetà konvenuta wieġbet illi jekk l-attriċi riedet xi rimedju kellha tfittxu l-Qorti;

Talbu għalhekk l-atturi li din il-Qorti:

1. tiddikjara l-aġir tal-konvenuti *nomine* meta naqqsu s-salarju ta' l-attriċi bħala illegali u abbużiv;

2. Tordna lill-konvenuti *nomine* li jerġgħu jirrippristinaw il-posizzjoni salarjali ta' l-attriċi għal dik li kienet fil-mument qabel il-*grounding* tagħha u dan b'effett retroattiv għaż-żmien tal-*grounding* u ċjoè Settembru, 1988, prevja l-ħlas ta' l-arrettrati;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* fejn eċċepew bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi ladarba l-attriċi ma setgħetx taqdi d-dmirijiet li għalihom ġiet impjegata, is-

soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda obbligu illi żżommha fl-impjieg bl-istess kundizzjonijiet li kellha qabel;

2. Illi l-proċedura adoperata mis-soċjetà konvenuta, jiġifieri illi meta membri ta' "*cabin crew*" li jiġu "*grounded*" għal raġunijiet mediċi jiġu fdati b'xogħol ta' natura klerikali, ilha "*policy*" u prassi tas-soċjetà għal żmien twil;

3. Illi huwa naturali li kwalunkwe impjegat jirċievi paga li tikkorrispondi max-xogħol u mad-dmirijiet li għandu u l-paga ta' "*clerical staff*" hija anqas minn dik ta' "*cabin crew*" għar-raġuni wkoll li din ta' l-aħħar tinkorpora l-element ta' riskju fix-xogħol abbord l-ajruplani, u minħabba l-possibbilità ta' "*early retirement*" marbut ma' dan it-tip ta' xogħol;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-lista tax-xhieda tagħhom flimkien mad-dokumenti illi ġew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u senjatament ir-relazzjoni peritali li ġiet ippreżentata mill-perit legali minnha nnominat;

Ikkunsidrat li f'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu mill-Qorti dikjarazzjoni li t-tnaqqis mis-salarju ta' l-attriċi Carmen Mercieca kien dovut għal aġir abbusiv da parti tal-konvenut *nomine* kif ukoll illegali, u li kwindi huma talbu (l-attriċi u żewġha) illi l-posizzjoni salarjali ta' l-attriċi tiġi rripristinata u dana b'effett retroattiv;

Il-Qorti ħatret perit legali sabiex jirrelata dwar il-kawża. F'rapport elaborat u studjat, l-abili perit legali kkonkluda li t-talbiet ta' l-atturi ma kienx jistħoqqilhom li jintlaqgħu;

Il-fatti emerġenti mill-provi juru li l-attriċi kienet impjegata ma' l-*Air Malta Co. Ltd.* bħala *"purser"*. Fuq pariri mediċi, hija ġiet *"grounded"* u mogħtija xogħol alternattiv ta' natura klerikali b'salarju anqas minn dak li l-attriċi kienet taqla' qabel bħala *"purser"*. *Jidher li hija pprotestat, ingħatat promessi verbali mid-dirigenti tas-soċjetà konvenuta, wara diversi inkontri, iżda finalment l-ebda kambjament ma seħħ fil-posizzjoni tagħha u s-salarju baqa' l-istess, ċjoè ridott. Saret għalhekk din il-kawża;*

*Illi filwaqt li tassew* **ex lege** u ċjoè skond il-*"Conditions of Employment Regulations Act"* huwa pprojbit li jsiru *"deductions"* minn salarju ta' impjegat għal kwalsiasi raġuni, għandu jiġi però wkoll irrilevat li dan huwa hekk meta l-impjieg jibqa' l-istess wieħed u mhux jinbidel. Illi mill-provi prodotti rriżulta li l-attriċi kienet aċċettata li tiġi *"grounded"*. Ix-xogħol alternattiv kien jimporta anqas riskju u strapazz minn dak ta' qablu u kien allura imħallas anqas minn dak ta' *"purser"* fuq ajruplan. Il-konvenuti *nomine* ġustament issottomettew illi huma setgħu għażlu li jitterminaw għal kollox l-impjieg ta' l-attriċi. Minflok li għamlu dan, tawha impjieg alternattiv. Dan fisser illi minn dakinhar li l-attriċi ġiet *"grounded"* hija ngħatat impjieg ieħor u differenti minn dak li kellha qabel, liema kambjament ġie rifless fis-salarju tagħha. Hawn *non si trattava* għalhekk ta' *"deductions"* kif espressament ivvjetat bil-liġi nostrali imma għoti ta' salarju ieħor abbinat ma' dan l-impjieg ġdid alternattiv. L-attriċi setgħet ma aċċettatx tali tibdil imma ma sarx hekk. Saru promessi fi sforz li tiġi aġevolata l-attriċi u tingħata dak li tnaqqsilha però kollox baqa' inkonkluż u xejn ma seħħ konkretament. L-abili perit legali, wara li għamel aċċenn u riferenzi għad-dibattiti parlamentari fuq is-suġġett, ikkonkluda illi l-art.23 tal-Kap.135 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx japplika għall-każ in diżamina u għalhekk kien ta' l-opinjoni li t-talbiet

attriċi għandhom jiġu miċħuda. Il-Qorti taqbel ma' dina l-interpretazzjoni tar-relatur. Jidher li kien hemm ħsieb illi ssir emenda b'liġi li timponi l-approvazzjoni bil-miktub da parti tad-Direttur tax-Xogħol però *din baqgħet fuq l-ixkaffa*. Mid-dibattiti parlamentari joħroġ li l-għan tal-leġislatur kien dak li jiġu pprojbiti *"deductions"* minħabba xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-impjieg u mhux għal *"reductions"* dovuta għal bdil fin-natura tax-xogħol u ċjoè impjieg ġdid alternattiv f'dan il-każ;

Għal dawn il-motivi, *il-Qorti tiddeċidi* l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*, tiċħad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra tagħhom";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi ppreżentata fis-17 ta' Jannar, 1992;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess attriċi ppreżentata fl-4 ta' Frar, 1992, fejn talbet lil dina l-Onorabbli Qorti biex tirrevoka l-istess sentenza (u mhux kif indikat erronjament fil-petizzjoni, is-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 1991 – żball ovvju li ma jaffettwax il-mertu *tal-petizzjoni*) u tilqa' t-talbiet tagħha;

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati fejn qalu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet il-partijiet *tramite* d-*difensuri* tagħhom;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġà deċiż illum stess, f'sentenza oħra ta' din il-Qorti

(Appell Kummerċjali) fl-ismijiet "Edgar Ellul *vs* Albert Mizzi" meta impjegat ma jistax aktar jaqdi dmirijiet li għalihom ġie impjegat, il-prinċipal m'huwiex obbligat li jżommu fl-impjieg bl-istess kondizzjonijiet dement illi t-tip ta' xogħol u r-responsabbilità tkun differenti;

Għalhekk, hija liġi ġusta u anke morali li l-paga għandha tikkorrispondi max-xogħol u d-dmirijiet ta' l-impjieg partikolari u jekk dawn jinbidlu anke l-paga għandha tinbidel, dejjem soġġett għall-ħlas tal-paga minima nazzjonali;

Illi l-każ preżenti jinkwadra ruħu fl-ambitu ta' dawn il-prinċipji ġenerali;

*Omissis*;

Lanqas ma japplikaw l-artikoli 18 u 36 ta' l-istess Att li Jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-Impjieg, artikoli kkwotati fil-petizzjoni ta' l-Appell ta' l-istess attriċi. Ma jirriżultax li ma ngħatatx "*maternity leave*" b'paga sħiħa, kif intitolata bil-liġi. Ma kien hemm ebda kuntratt, almenu skond il-provi mressqa, li stipula li l-impjieg tagħha seta' jintemm meta ssir tqila. Jerġa' jingħad li fuq talba tagħha nbidel ix-xogħol li kellha tagħmel mal-kumpanija. Kundizzjonijiet oħra setgħu ħarġu mill-ittra li l-kumpanija bagħtet lill-attriċi u li ppromettiet li tesebixxi fis-seduta ta' l-20 ta' Lulju, 1989. Dan, però, ma għamlitux;

L-aħħar punt li trid tikkunsidra din il-Qorti huwa jekk dan it-tibdil fil-paga kellux ikun retroattiv. Effettivament jirriżulta li l-kumpanija konvenuta ħadet żball u ħallsitha bil-paga ta' "*purser*" mill-4 ta' Ottubru, 1988, meta ġiet "*grounded*" sa Frar ta' l-1989, ma' liema paga dak li kien tħallas "żejjed"

tnaqqas f'daqqa. Dan iż-"żejjed" jammonta għal mija u sittin lira Maltija (Lm160);

Dan il-punt ma ġie ttrattat xejn fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ. Però, huwa proprju hawn, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-artikolu 23 tal-Kapitolu 135 għandu l-applikazzjoni tiegħu. Il-kumpanija konvenuta ma kellhiex dritt tnaqqas din il-paga u dan l-aġir tagħha huwa abbusiv u illegali. *Se mai*, l-istess kumpanija missha, jekk deherilha li kien il-każ, bdiet proċeduri separati skond il-liġi biex l-indebitu allegat jiġi rifuż. Però fil-kamp speċjali tal-liġijiet li jirregolaw l-impjiegi ma kellhiex dritt arbitrarjament tagħmel hi dan il-kumpens;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddikjara t-tnaqqis fuq imsemmi illegali u tordna li l-ammont ta' mija u sittin liri Maltija (Lm160) jiġi mħallas lill-attriċi. Apparti minn dan il-punt, però, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu żewġ terzi mill-attriċi u terz mill-konvenut.